



17.6.2020

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena 2019
(2020/2044(INI))

Kumitat għall-Petizzjonijiet

Rapporteur: Kosma Złotowski

WERREJ

| | Pàġna |
|--|--------------|
| MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW | 3 |
| NOTA SPJEGATTIVA..... | 10 |

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena
2019
(2020/2044(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jirriflettu l-importanza li t-Trattat jattribwixxi lid-dritt taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE li jiġbdu l-attenzjoni tal-Parlament għall-preokkupazzjonijiet tagħhom,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 228 tat-TFUE dwar ir-rwol u l-funzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea dwar id-dritt ta' petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew,
 - wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tat-TFUE fir-rigward tal-proċedura ta' ksur u, b'mod partikolari, l-Artikoli 258 u 260 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 u l-Artikolu 227(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A9-0000/2020),
- A. billi wara l-elezzjonijiet Ewropej, li saru bejn it-23 u s-26 ta' Mejju 2019, u l-kostituzzjoni tal-Parlament il-ġdid fit-2 ta' Lulju 2019, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet kellu l-laqgħa kostituttiva tiegħu fl-10 ta' Lulju 2019;
- B. billi fl-2019 il-Parlament irċieva 1 357 petizzjoni, ċifra li tirrappreżenta żieda ta' 11,23 % meta mqabbla mal-1 220 petizzjoni ppreżentata fl-2018 u jiżvela li minkejja l-perjodu ta' sospensjoni tax-xogħlijiet minħabba l-elezzjonijiet Ewropej, iċ-ċittadini u r-residenti tal-UE baqgħu jeżerċitaw id-dritt ta' petizzjoni tagħhom;
- C. billi fl-2019 l-għadd ta' utenti li appoġġjaw petizzjoni waħda jew aktar fuq il-Portal Web għall-Petizzjonijiet tal-Parlament żdied meta mqabbel mal-2018 u laħaq total ta' 28 075; billi l-għadd ta' klikks li jappoġġjaw il-petizzjonijiet kien ta' 31 679;
- D. billi mill-petizzjonijiet ippreżentati fl-2019, 41 kienu ffirmati b'mod konġunt minn ċittadin wieħed jew aktar, 8 minn aktar minn 100 ċittadin, u 3 minn aktar minn 10 000 ċittadin;

- E. billi l-għadd ta' petizzjonijiet baqa' modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE; billi, minkejja dan, din iċ-ċifra tindika li parti miċ-ċittadini tal-UE hija konxja mid-dritt ta' petizzjoni tagħha, u teżerċita dan id-dritt;
- F. billi mill-1 357 petizzjoni ppreżentata fl-2019, 938 ġew iddikjarati ammissibbli, 406 ġew iddikjarati inammissibbli, u 13 ġew irtirati; billi l-perċentwal relattivament għoli (30 %) ta' petizzjonijiet inammissibbli fl-2019 jiżvela li għad hemm nuqqas ta' ċarezza mifrux dwar l-oqsma ta' attività tal-UE;
- G. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 226 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, li jirrikjedu li l-petizzjonijiet għandhom jitressqu miċ-ċittadini jew mir-residenti tal-UE affettwati direttament minn kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan l-oqsma ta' attività tal-Unjoni Ewropea;
- H. billi d-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE; billi d-dritt ta' petizzjoni joffri liċ-ċittadini u r-residenti tal-UE mekkaniżmu miftuħ, demokratiku u trasparenti biex jindirizzaw lir-rappreżentanti eletti tagħhom direttament, u għalhekk huwa element importanti tal-parteċipazzjoni attiva fl-oqsma ta' attività tal-UE;
- I. billi d-dritt ta' petizzjoni jsaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tal-Parlament Ewropew għall-ilmenti u t-tħassib relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-Istati Membri; billi għalhekk il-petizzjonijiet huma sors utli ta' informazzjoni dwar istanzi ta' applikazzjoni skorretta jew ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni, u jippermettu li l-Parlament u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jivvalutaw it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-impatt tiegħu fuq iċ-ċittadini u r-residenti tal-UE;
- J. billi l-Parlament ilu fuq quddiem nett tal-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fil-livell internazzjonali, u għandu l-aktar proċess tal-petizzjonijiet miftuħ u trasparenti fl-Ewropa, li jippermetti li l-petizzjonanti jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitàjiet tiegħu;
- K. billi kull petizzjoni tiġi eżaminata bir-reqqa mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet; billi kull petizzjonant għandu d-dritt li jirċievi tweġiba u informazzjoni rigward id-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli, u dan bil-lingwa tiegħu stess jew b'dik użata fil-petizzjoni;
- L. billi l-attivitàjiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma bbażati fuq l-informazzjoni u l-kontributi li jaslu mingħand il-petizzjonanti; billi l-informazzjoni fornuta mill-petizzjonanti flimkien mal-għarfien espert offrut mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u minn korpi oħra hija essenzjali għall-ħidma tal-kumitat; billi l-petizzjonijiet ammissibbli spiss jagħtu informazzjoni siewja għall-ħidma tal-kumitati parlamentari l-oħra;
- M. billi għadd konsiderevoli ta' petizzjonijiet jiġu diskussi pubblikament fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom, u spiss jipparteċipaw bis-sħiħ fid-diskussjoni, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod attiv għall-ħidma tal-kumitat; billi fl-2019, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet kellu 9 laqgħat ordinarji tal-kumitat, li fihom 250 petizzjoni ġew diskussi

fil-preżenza ta' 239 petizzjonant, filwaqt li 126 petizzjonant ipparteċipaw b'mod attiv billi intervenew fil-laqgħa;

- N. billi s-suġġetti prinċipali ta' tħassib indikati fil-petizzjonijiet ippreżentati fl-2019 kienu jikkonċernaw kwistjonijiet ambjentali (b'mod partikolari kwistjonijiet rigward it-tniġġis, il-protezzjoni u l-preservazzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart), id-drittijiet fundamentali (notevolment id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-vot u d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Brexit), affarijiet kostituzzjonali (b'mod partikolari mistoqsijiet relatati mal-elezzjonijiet Ewropej u mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE), is-saħħa (b'mod partikolari kwistjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa u mal-impatt tar-riskji u s-sustanzi tossiċi), it-trasport (notevolment id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru u dawk ferrovjarji, kollegamenti transnazzjonali u bidliet staġonali fil-ħin), u s-suq intern (b'mod partikolari mistoqsijiet relatati mad-drittijiet tal-konsumaturi u mal-libertà tal-moviment tal-persuni), kif ukoll ħafna oqsma ta' attivitajiet oħra;
- O. billi 73,9 % mill-petizzjonijiet li waslu (1 003 petizzjonijiet) fl-2019 ġew ippreżentati permezz tal-Portal Web għall-Petizzjonijiet tal-Parlament, meta mqabbla ma' 70,7 % (863 petizzjoni) fl-2018;
- P. billi fl-2019 il-Portal Web għall-Petizzjonijiet kompli jiġi żviluppat f'verżjoni tad-disinn tal-web responsiv li tikkonforma mad-"dehra u s-sensazzjoni" ("look and feel") ġodda tas-sit web tal-Parlament Ewropew (Europarl); billi dan il-portal għalhekk sar aktar faċli li jintuża u joffri aċċess aħjar għaċ-ċittadini, li issa jistgħu jużawh fuq kull apparat; billi l-istqarrija ta' privatezza l-ġdida ttellgħet bil-verżjonijiet lingwistiċi kollha fil-mudelli tal-posta elettronika u fil-paġna ta' reġistrazzjoni, u ġiet attivata Captcha tal-awdjo għar-reġistrazzjoni tal-kontijiet tal-utenti; billi l-Portal Web għall-Petizzjonijiet u ePetizzjoni ġew integrati aktar bit-titjib tal-mekkaniżmu ta' sinkronizzazzjoni tagħhom; billi għadd kbir ta' talbiet individwali għall-appoġġ ġew indirizzati b'suċċess;
- Q. billi għandu jiġu nnotat li minħabba l-perjodu ta' sospensjoni tax-xogħlijiet minħabba l-elezzjonijiet Ewropej, ma saret l-ebda żjara ta' ġbir ta' informazzjoni għal petizzjonijiet li għalihom kienet għaddejja inkjesta fl-2019; billi l-kumitat wettaq il-valutazzjonijiet ta' segwitu ta' għadd ta' żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni preċedenti u adotta r-rapporti dwar tnejn li saru fl-2018; billi għadd ta' żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni ġew ipprogrammati għall-2020;
- R. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet iqis li l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ICE) hija strument importanti tad-demokrazija parteċipattiva, li jippermetti li ċ-ċittadini jinvolvu ruħhom b'mod attiv fit-tfassil tal-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;
- S. billi skont ir-Regoli ta' Proċedura, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa responsabbli għar-relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew, li jinvestiga l-ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina fi ħdan l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea; billi fl-2019 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet żvolgħa rwol fundamentali fl-organizzazzjoni tal-elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew billi organizza s-seduta ta' smiġh pubbliku tal-kandidati skont l-Artikolu 231 tar-Regoli ta' Proċedura; billi fit-18 ta' Diċembru 2019 Emily O'Reilly ġiet eletta mill-ġdid l-Ombudsman Ewropew għal-leġiżlatura 2019-2024;

- T. billi fl-2019 ir-relazzjonijiet bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Ombudsman Ewropew komplew jissaħħu, kif muri mill-parteċipazzjoni attiva tal-Ombudsman fil-laqgħat tal-kumitat; billi wara r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Frar 2019 dwar ir-reviżjoni tal-Istatut tal-Ombudsman Ewropew¹, Emily O'Reilly ipparteċipat fil-laqgħa tal-kumitat tat-2 ta' April 2019 għal skambju ta' fehmiet dwar il-prerogattivi l-ġodda proposti tagħha, u ppreżentat ir-Rapport Annwali tagħha għall-2018 lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Settembru 2019;
- U. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet huwa membru tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen, li jinkludi wkoll l-Ombudsman Ewropew, l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali u korpi simili tal-Istati Membri, il-pajjiżi kandidati, u pajjiżi oħra taż-Żona Ekonomika Ewropea, u li għandu l-għan li jippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni dwar id-dritt u l-politika tal-UE, u li jikkondividi l-aħjar prattika;
1. Ifakkar fir-rwol importanti tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fid-difiża u l-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE, filwaqt li jiżgura li t-tħassib u l-ilmenti tal-petizzjonanti jiġu eżaminati f'waqthom u, meta possibbli, jiġu riżolti, u dan permezz ta' proċess ta' petizzjonijiet miftuħ, demokratiku u trasparenti;
 2. Jenfasizza l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma ta' attività tal-Unjoni mmirat biex jinforma liċ-ċittadini dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli;
 3. Jitlob servizz tal-istampa u ta' komunikazzjonijiet aktar iffukat u attiv, u preżenza aktar attiva fuq il-midja soċjali li tagħmel il-ħidma tal-kumitat aktar responsiva għat-tħassib tal-pubbliku;
 4. Jindika li l-petizzjonijiet joffru l-oportunità lill-Parlament Ewropew u lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE biex iżommu djalogu dirett maċ-ċittadini tal-UE li jkunu affettwati mill-applikazzjoni skorretta tad-dritt tal-Unjoni; jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-inkjesti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-konformità miegħu;
 5. Ifakkar li l-petizzjonijiet joffru kontribut siewi għar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattati; jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn li ħa l-Viċi President tal-Kummissjoni għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva, Maroš Šefčovič, matul is-seduta ta' smiġh tiegħu bħala Kummissarju nnominat, biex ikompli jtejjeb l-ipproċessar min-naħa tal-Kummissjoni tal-petizzjonijiet u biex jiżgura l-preżentazzjoni ta' risposti preċiżi qabel ma jagħlaq it-terminu ta' tliet xhur; itenni l-appell tiegħu biex il-Kummissjoni tagħti aġġornamenti regolari dwar l-iżviluppi fil-proċedimenti ta' ksur u għal aċċess għad-dokumenti rilevanti tal-Kummissjoni dwar il-ksur u l-proċeduri pilota tal-UE li huma relatati ma' petizzjonijiet miftuħa;
 6. Jenfasizza li t-trasparenza u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-UE għandhom ikunu r-regola ġenerali sabiex jiġu żgurati l-ogħla livelli ta' protezzjoni

¹ Testi adottati, PA_TA(2019)0080.

tad-drittijiet demokratiċi taċ-ċittadini;

7. Jemmen li l-kooperazzjoni mal-kumitati l-oħra fil-Parlament hija essenzjali għal ipproċessar komprensiv tal-petizzjonijiet; josserva li, fl-2019, intbagħtu 65 petizzjoni lill-kumitati l-oħra għal opinjoni u 351 għal skopijiet ta' informazzjoni, u li 38 opinjoni u 9 konfermi tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-petizzjonijiet fil-ħidma tagħhom waslu mingħand kumitati oħra; jinnota wkoll li, fl-2018, intbagħtu 47 petizzjoni lill-kumitati l-oħra għal opinjoni u 660 għal skopijiet ta' informazzjoni, u li 30 opinjoni u 38 konferma tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-petizzjonijiet fil-ħidma tagħhom waslu mingħand kumitati oħra; ifakkar li l-petizzjonanti jiġu infurmati bid-deċizzjonijiet ta' talba għal opinjonijiet minn kumitati oħra biex jiġu indirizzati l-petizzjonijiet tagħhom; jissottolinja għalhekk l-importanza tal-kontribut tal-kumitati l-oħra biex il-Parlament ikun jista' jwieġeb b'aktar veloċità u effiċjenza għat-tħassib taċ-ċittadini;
8. Jinsab konvint li n-network tal-petizzjonijiet huwa għodda utli biex jiġi żgurat is-segwitu għall-petizzjonijiet fil-ħidma parlamentari u leġiżlattiva; jemmen li l-laqgħat tan-network tal-petizzjonijiet huma kruċjali għat-tiżni tal-kooperazzjoni fost il-kumitati parlamentari permezz ta' skambju ta' informazzjoni u kondiviżjoni tal-aħjar prattika fost il-membri tan-network;
9. Jiġbed l-attenzjoni għar-rapporti annwali ewlenin adottati mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2019, notevolment ir-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2018² u r-Rapport Annwali dwar il-ħidma tal-Ombudsman Ewropew fl-2018³;
10. Josserva li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet esprima l-opinjoni tiegħu dwar kwistjonijiet importanti indikati fil-petizzjonijiet billi kkontribwixxa għar-rapporti parlamentari u leġiżlattivi, notevolment dwar l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qafas istituzzjonali tal-UE⁴ u dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li twaqqaf il-bidliet staġonali fil-ħin u tħassar id-Direttiva 2000/84/KE⁵;
11. Jinnota li l-ambjent kien il-qasam prinċipali li qajjem tħassib għall-petizzjonanti fl-2019; jindika, f'dan ir-rigward, il-mozzjoni għal riżoluzzjoni skont l-Artikolu 227(2) dwar l-immaniġġjar tal-iskart, adottata fil-21 ta' Marzu 2019 mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet u fl-4 ta' April 2019 fil-plenarja⁶; jiśhaq li l-immaniġġjar tal-iskart huwa wieħed mill-isfidi soċjoekonomiċi u ambjentali globali prinċipali, u jtenni l-appell tiegħu għal tnaqqis fil-ġenerazzjoni tal-iskart, il-promozzjoni tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, u implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart mill-Istati Membri;
12. Jiġbed l-attenzjoni għas-seduta ta' smiġħ dwar "Climate Change Denial" (Ċaħda tat-Tibdil fil-Klima) li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza fil-21 ta' Marzu 2019 flimkien mal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel;

² Rapport adottat fit-22 ta' Jannar 2019.

³ Rapport adottat fit-12 ta' Novembru 2019.

⁴ Opinjoni adottata fil-21 ta' Jannar 2019.

⁵ Opinjoni adottata fl-20 ta' Frar 2019.

⁶ Testi adottati, P8_TA(2019)0338.

13. Jindika l-istudji dwar "Cross-border nuclear safety, liability and cooperation in the European Union" (Sikurezza, obbligu ta' rendikont u kooperazzjoni nukleari transfruntiera fl-Unjoni Ewropea) u dwar "Endocrine Disruptors: From Scientific Evidence to Human Health Protection" (Interferenti Endokrinali: Mill-Evidenza Xjentifika għall-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Bniedem), li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikkummissjona bħala segwitu mogħti lil għadd sostanzjali ta' petizzjonijiet li jqajmu tħassib dwar dawn il-kwistjonijiet u li ġew ippreżentati fil-laqgħat tiegħu fl-20 ta' Frar 2019 u fit-2 ta' April 2019; jiddispjaċih għall-fatt li r-regoli ambjentali ma jiġux implimentati dejjem b'mod korrett fl-Istati Membri, kif deskritt f'bosta petizzjonijiet; jisħaq fuq l-importanza li jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, biex jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam;
14. Jiġbed l-attenzjoni għall-għadd kbir ta' petizzjonijiet dwar il-Brexit li ġew ippreżentati fl-2019, li fil-biċċa l-kbira jappellaw għall-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE qabel u wara l-Brexit; jilqa' l-ħidma eċċellenti li saret mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li huwa u jindirizza t-tħassib imqajjem minn dawn il-petizzjonanti kkontribwixxa biex jiżgura li d-drittijiet taċ-ċittadini jibqgħu waħda mill-prijoritajiet prinċipali tal-Parlament fin-negozjati dwar il-Brexit;
15. Ifakkar fir-rwol speċifiku ta' protezzjoni li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità; jindika l-ħidma importanti kontinwa tal-kumitat b'rabta ma' petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabilità; jinnota li l-għadd ta' petizzjonijiet dwar id-diżabilità naqas fl-2019 meta mqabbel mas-sena preċedenti; jinnota, madankollu, li l-mobilità u d-diskriminazzjoni għadhom fost l-isfidi prinċipali li għandhom quddiemhom il-persuni b'diżabilità; ifakkar li fl-2019 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ta attenzjoni speċifika għad-diskussjoni rigward il-petizzjonijiet dwar l-edukazzjoni inklużiva għat-tfal b'diżabilità;
16. Jilqa' pożittivament il-fatt li, fl-2019, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet indirizza t-tħassib taċ-ċittadini rigward it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-istituzzjonijiet tal-UE, kif tqajjem f'bosta petizzjonijiet; ifakkar f'dan ir-rigward li fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' April 2019, il-kumitat organizza sessjoni ta' ħidma dwar "Conflicts of Interest - Integrity, Accountability and Transparency in the EU institutions and agencies" (Kunflitti ta' Interess - Integrità, Obbligu ta' Rendikont u Trasparenza fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE), li eżaminat il-kisbiet li saru fir-rigward tal-kunflitti ta' interess, l-integrità, l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza, il-kodiċijiet ta' kondotta u l-"bibien iduru" fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE; jindika l-kontribut importanti li tat l-Ombudsman Ewropew għad-dibattitu, u għamlet diskors ewlieni dwar il-kisbiet u l-isfidi għall-istituzzjonijiet tal-UE;
17. Jilqa' favorevolment l-eżitu tas-smiġh pubbliku dwar l-Att tal-Istati Uniti dwar il-Konformità Fiskali tal-Kontijiet Barranin (FATCA) u l-impatt ekstrasettorjali tiegħu fuq iċ-ċittadini tal-UE, li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza fit-12 ta' Novembru 2019, u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jieħdu azzjoni rapida b'appoġġ għaċ-ċittadini kkonċernati;

18. Jindika l-ħidma importanti kontinwa li għamel il-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex tiġi żgurata l-protezzjoni tat-trattament xieraq tal-annimali fl-UE, kif muri mill-għadd sinifikanti ta' petizzjonijiet dwar dan is-suġġett li ġie diskuss fil-laqgħat tiegħu fl-2019; jiġbed l-attenzjoni għas-smiġħ pubbliku dwar "Revaluation of the wolf population in the EU" (Rivalutazzjoni tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE), li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza fil-5 ta' Diċembru 2019 b'mod konġunt mal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u flimkien mal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, sabiex jagħti leħen lit-tħassib taċ-ċittadini dwar il-qafas ġuridiku għall-protezzjoni tal-lupu kif ukoll l-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fuq l-ambjent u l-komunitajiet rurali;
19. Jenfasizza li l-IĊE hija strument importanti għaċ-ċittadinanza attiva u għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku; jilqa' pożittivament l-adozzjoni, fis-17 ta' April 2019, tar-regoli ġodda għall-IĊE, li jġibu magħhom għadd ta' titjib strutturali u tekniku biex dan l-istrument isir aktar faċli li jinuża u aċċessibbli, kif ukoll biex tiġi ffaċilitata parteċipazzjoni akbar taċ-ċittadini tal-UE fil-proċess demokratiku tal-Unjoni; jinnota l-għadd sinifikanti ta' IĊE ġodda rreġistrati mill-Kummissjoni fl-2019, li juri li ċ-ċittadini qed jaħtfu l-opportunità li jużaw strumenti partiiipattivi biex isemmgħu leħinhom fil-proċessi ta' tfassil ta' politika u tal-liġijiet;
20. Jilqa' pożittivament il-kooperazzjoni siewja tal-Parlament mal-Ombudsman Ewropew, kif ukoll l-involvement tiegħu fin-Network Ewropew tal-Ombudsmen; jissottolinja r-relazzjonijiet eċċellenti bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet; jilqa' b'sodisfazzjon ir-rwol li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex jiżgura li s-seduti ta' smiġħ pubbliku tal-kandidati fil-qafas tal-proċedura ta' elezzjoni għall-Ombudsman Ewropew fl-2019 twettqu b'mod trasparenti u effiċjenti;
21. Japprezza l-kontributi regolari tal-Ombudsman Ewropew għall-ħidma tal-kumitat matul is-sena; jemmen b'konvinzjoni li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni għandhom jiżguraw li jingħata segwitu konsistenti u effikaċi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman;
22. Ifakkar li l-Portal Web għall-Petizzjonijiet huwa għodda essenzjali biex jiġi żgurat proċess tal-petizzjonijiet mingħajr intoppi, effiċjenti u trasparenti; jilqa' b'sodisfazzjon, f'dan ir-rigward, l-allinjament tiegħu mad-"dehra u s-sensazzjoni" tas-sit web tal-Parlament Ewropew (Europarl), li għamel il-portal aktar responsiv u aċċessibbli għaċ-ċittadini; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi biex il-portal isir aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità;
23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rapport tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-kumitati għall-petizzjonijiet tal-Istati Membri, lill-ombudsmen nazzjonali jew lil entitajiet simili kompetenti.

NOTA SPJEGATTIVA

Skont l-Artikolu 227 (7) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu jirrapporta kull sena dwar ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu. Ir-rapport għandu l-għan li jagħti stampa ġenerali komprensiva tal-ħidma mwettqa mill-kumitat fl-2019, u jinkludi analiżi statistika tal-petizzjonijiet riċevuti u pproċessati kif ukoll rendikont ta' attivitajiet parlamentari oħra bħall-adozzjoni ta' rapporti u opinjonijiet, l-organizzazzjoni tas-seduti ta' smiġħ u r-relazzjonijiet tal-kumitat mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE. Ta' min ifakkar li l-ħidma ewlenija tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tirriżulta mid-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew, li jiġi eżerċitat miċ-ċittadini u r-residenti tal-UE skont l-Artikolu 227 tat-TFUE, u mhijiex marbuta direttament mal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni.

L-2019 kienet sena importanti għad-demokrazija Ewropea, billi ċ-ċittadini tal-UE ntalbu jġeddu l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew. Fit-23-26 ta' Mejju 2019, aktar minn 200 000 000 ruħ fit-28 pajjiż tal-UE marru jivvutaw biex jeleġġu l-membri tal-Parlament Ewropew. Wara l-elezzjonijiet Ewropej, li fihom 51 % mill-eletturi - notevolment l-ogħla rata ta' parteċipazzjoni f'20 sena - tefgħu l-vot tagħhom biex jagħżlu r-rappreżentanti tagħhom, il-Parlament il-ġdid kellu s-sessjoni kostituttiva tiegħu fit-2 ta' Lulju 2019.

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet kellu l-laqgħa kostituttiva tiegħu fl-10 ta' Lulju 2019 u eleġġa lill-Onor. Dolores Montserrat bħala President, lill-Onor. Tatjana Ždanoka bħala l-Ewwel Viċi President, lill-Onor. Yana Toom bħala t-Tieni Viċi President, lill-Onor. Ryszard Czarnecki bħala t-Tielet Viċi President u lill-Onor. Cristina Maestre Martín de Almagro bħala r-Raba' Viċi President.

Sabiex ikunu jistgħu jiġu organizzati l-elezzjonijiet Ewropej, kien hemm perjodu ta' sospensjoni tax-xogħlijiet mid-19 ta' April sal-1 ta' Lulju 2019 li matulu ġew interrotti l-attivitajiet parlamentari. Dan jispjega l-għadd aktar baxx ta' rapporti, opinjonijiet, riżoluzzjonijiet u seduti ta' smiġħ li ġew adottati u li seħħew fl-2019. Mill-banda l-oħra, iċ-ċittadini u r-residenti tal-UE komplew jeżerċitaw id-dritt ta' petizzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' sospensjoni tax-xogħlijiet, kif muri mill-fluss kontinwu ta' petizzjonijiet irreġistrati fl-2019, li żdied b'mod sinifikanti meta mqabbel mas-sentejn preċedenti.

Analiżi statistika tal-petizzjonijiet riċevuti fl-2019 meta mqabbla mal-2018

Skont l-istatistika, il-Parlament Ewropew irċieva 1 357 petizzjoni fl-2019, ċifra li tirrappreżenta żieda ta' 11.23 % meta mqabbla mal-1 220 petizzjoni ppreżentata fl-2018.

L-utenti tal-Portal Web għall-Petizzjonijiet għandhom il-possibbiltà li jappoġġjaw il-petizzjonijiet. Fl-2019, 28 075 utent aġixxew bħala sostenituri. Fl-2018, 4 893 utent tal-portal appoġġjaw petizzjoni waħda jew aktar meta mqabbla ma' 15 540 utent fl-2017 u 6 132 fl-2016. Għajr għas-sena 2018, l-istatistika turi żieda stabbli fl-għadd ta' utenti li jappoġġjaw il-petizzjonijiet fil-portal web.

Fl-2019, 41 petizzjoni ġew iffirmati b'mod konġunt minn ċittadin wieħed jew aktar, 8 petizzjonijiet minn aktar minn 100 ċittadin u 3 petizzjonijiet minn aktar minn

10 000 ċittadin. Fl-2018, 41 petizzjoni ġew iffirmati b'mod konġunt minn ċittadin wieħed jew aktar, 14-il petizzjoni minn aktar minn 100 ċittadin, 5 petizzjonijiet minn aktar minn 10 000 ċittadin, u 2 petizzjonijiet minn aktar minn 100 000 ċittadin.

Format tal-petizzjonijiet



Fl-2019, kważi tliet kwarti mill-petizzjonijiet ġew ippreżentati permezz tal-Portal Web għall-Petizzjonijiet filwaqt li kwart ġew ippreżentati bil-posta. Iċ-ċifri fiż-żewġ tabelli żvelaw li, fl-2019, l-għadd ta' petizzjonijiet ippreżentati permezz tal-Portal Web għall-Petizzjonijiet żdied bi 3,2 % meta mqabbel mal-2018.

2019

| Format tal-Petizzjoni | Għadd ta' petizzjonijiet | % |
|---------------------------|--------------------------|------|
| Portal tal-petizzjonijiet | 1003 | 73.9 |
| Ittra | 354 | 26.1 |

2018

| Format tal-Petizzjoni | Għadd ta' petizzjonijiet | % |
|---------------------------|--------------------------|------|
| Portal tal-petizzjonijiet | 863 | 70.7 |
| Ittra | 357 | 29.3 |



Stat tal-petizzjonijiet skont is-sena ta' kalendarju⁷

It-tabella li ġejja turi l-istat tal-petizzjonijiet mill- 2003 sal-2019. Jista' jiġi nnotat li fl-2019, il-maġġoranza tal-petizzjonijiet ingħalqu fi żmien sena wara li ġew riċevuti u eżaminati mill-kumitat. B'riżultat tat-tqabbil mad-data dwar l-istatus tal-petizzjonijiet inkluża fir-rapporti annwali mill-2010 sal-2018, jista' jiġi konkluż li l-maġġoranza tal-petizzjonijiet jingħalqu fi żmien sena minn meta jiġu riċevuti u eżaminati. Perċentwali żgħar ħafna (minn 0,3 % sa

⁷ L-istatistika dwar l-istat tal-petizzjonijiet tniżżlet fit-18 ta' Mejju 2020.

13,7 %) tal-petizzjonijiet mill-2004 sal-2015 għadhom miftuħin. Il-biċċa l-kbira minn dawn il-petizzjonijiet miftuħa huma relatati ma' kwistjonijiet ambjentali u ma' proċeduri ta' ksur li għadhom għaddejjin quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, jew inkella ma' kwistjonijiet li l-membri tal-kumitat jixtiequ jsegwu mill-qrib.

| Stat tal-petizzjonijiet | | | | | |
|--------------------------------|---------------------------------|--------------------------|--------|---------------------------|---------|
| Sena | Għadd ta' petizzjonijiet | Proċedura miftuħa | | Proċedura magħluqa | |
| 2019 | 1 357 | 508 | 37,4 % | 849 | 62,6 % |
| 2018 | 1 220 | 313 | 25,7 % | 907 | 74,3 % |
| 2017 | 1 271 | 260 | 20,5 % | 1 011 | 79,5 % |
| 2016 | 1 569 | 482 | 30,7 % | 1 087 | 69,3 % |
| 2015 | 1 431 | 196 | 13,7 % | 1 235 | 86,3 % |
| 2014 | 2 715 | 232 | 8,5 % | 2 483 | 91,5 % |
| 2013 | 2 891 | 309 | 10,7 % | 2 582 | 89,3 % |
| 2012 | 1 986 | 128 | 6,4 % | 1 858 | 93,6 % |
| 2011 | 1 414 | 73 | 5,2 % | 1 341 | 94,8 % |
| 2010 | 1 656 | 38 | 2,3 % | 1 618 | 97,7 % |
| 2009 | 1 924 | 14 | 0,7 % | 1 910 | 99,3 % |
| 2008 | 1 886 | 19 | 1,0 % | 1 867 | 99,0 % |
| 2007 | 1 506 | 25 | 1,7 % | 1 481 | 98,3 % |
| 2006 | 1 021 | 5 | 0,5 % | 1 016 | 99,5 % |
| 2005 | 1 016 | 3 | 0,3 % | 1 013 | 99,7 % |
| 2004 | 1 002 | 3 | 0,3 % | 999 | 99,7 % |
| 2003 | 1 315 | 0 | 0 % | 1 315 | 100,0 % |

Trattament tal-petizzjonijiet⁸

⁸ L-istatistika dwar it-trattament tal-petizzjonijiet tniżżlet fit-18 ta' Mejju 2020.

2019

| Trattament tal-petizzjonijiet | Għadd | % |
|---|-------|--------|
| Ammissibbli u Magħluqa | 430 | 31,6 % |
| Ammissibbli u Miftuħa | 508 | 37,4 % |
| Inammissibbli | 406 | 29,9 % |
| Irtirati | 13 | 0,9 % |
| Mibgħuta lill-KE għal opinjoni | 537 | 47,4 % |
| Mibgħuta lill-korpi l-oħra għal opinjoni | 42 | 3,7 % |
| Mibgħuta lill-korpi l-oħra għal skopijiet ta' informazzjoni | 554 | 48,9 % |

2018

| Trattament tal-petizzjonijiet | Għadd | % |
|---|-------|--------|
| Ammissibbli u Magħluqa | 475 | 38,9 % |
| Ammissibbli u Miftuħa | 313 | 25,6 % |
| Inammissibbli | 409 | 33,5 % |
| Irtirati | 23 | 1,8 % |
| Mibgħuta lill-KE għal opinjoni | 555 | 34,9 % |
| Mibgħuta lill-korpi l-oħra għal opinjoni | 29 | 1,8 % |
| Mibgħuta lill-korpi l-oħra għal skopijiet ta' informazzjoni | 1 002 | 63,1 % |

It-tabelli juru li l-perċentwal ta' petizzjonijiet iddikjarati bħala inammissibbli fl-2019 huwa kemxejn aktar baxx mill-perċentwal ta' petizzjonijiet li ġew iddikjarati inammissibbli fl-2018. Il-perċentwal ta' petizzjonijiet ammissibbli (31,6 %) huwa aktar baxx ukoll, li ngħalqu immedjatement billi ngħatat informazzjoni lill-petizzjonant fl-2019, meta mqabbel ma' 38,9 % fl-2018. Jirriżulta li aktar petizzjonijiet (37,4 %) inżammu miftuħin fl-2019 meta mqabbel mal-2018, meta 25,6 % mill-petizzjonijiet inżammu miftuħin.

Għandu jiġi nnotat ukoll li fl-2019, kważi nofs il-petizzjonijiet ammissibbli ntbagħtu lill-Kummissjoni għal opinjoni, ċifra li tirrappreżenta żieda ta' 12,5 % meta mqabbel mal-2018.

Fl-aħħar nett, il-perċentwal tal-petizzjonijiet mibgħuta lill-korpi l-oħra għal opinjoni kien kemxejn ogħla fl-2019, filwaqt li l-għadd ta' petizzjonijiet mibgħuta lill-korpi l-oħra għal skopijiet ta' informazzjoni naqas b'14,2 %.

Għadd ta' petizzjonijiet skont il-pajjiż

Iż-żewġ tabelli li ġejjin juru, f'ċifri u f'perċentwali, it-tibdil fil-petizzjonijiet skont il-pajjiż mill-2018 sal-2019. Għadd kbir mill-petizzjonijiet ippreżentati fl-2019 u fl-2018 kienu jikkonċernaw l-UE. Dan ifisser li dawn il-petizzjonijiet iqajmu kwistjonijiet li jikkonċernaw l-UE kollha jew jappellaw għal miżuri komuni biex jiġu implimentati fl-UE kollha. Petizzjonijiet li jikkonċernaw l-UE jistgħu jkunu relatati wkoll ma' Stat Membru wieħed jew aktar, u għalhekk jiġu rreġistrati kemm taħt l-UE kif ukoll taħt l-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i). Dan jispjega għaliex l-ammont ta' petizzjonijiet li jikkonċernaw l-UE u ta' dawk relatati biss mal-Istati Membri jaqbeż l-għadd totali ta' petizzjonijiet ippreżentati fl-2019 u fl-2018.

Barra minn hekk, ta' min jenfasizza li d-disa' pajjiżi l-aktar ikkonċernati mill-petizzjonijiet

baqgħu l-istess fl-2019 u fl-2018. Madankollu, l-ordni tagħhom inbidel konsiderevolment. Filwaqt li l-maġġoranza tal-petizzjonijiet ippreżentati fl-2019 jikkonċernaw il-Ġermanja, l-għadd ta' petizzjonijiet relatati ma' Spanja u mal-Italja naqas bi 3,6 % u bi 3,5 % rispettivament, meta mqabbel mal-2018.

Differenza notevoli oħra tikkonċerna r-Renju Unit. Il-petizzjonijiet li jikkonċernaw lir-Renju Unit fl-2019 żdiedu bi 3,2 % meta mqabbla mal-2018. Kien hemm ukoll xi bidliet fil-parti t'isfel tal-lista. Filwaqt li fl-2019, l-Estonja, is-Slovenja u l-Latvja kienu l-inqas pajjiżi kkonċernati, fl-2018 dawn kienu Malta, l-Estonja u l-Finlandja.

Fl-aħħar nett, il-proporzjon ta' petizzjonijiet li jikkonċernaw pajjiżi mhux tal-UE żdied kemxejn fl-2019.


2019

| Pajjiż ikkonċernat | Petizzjonijiet | % |
|---------------------|----------------|------|
| L-Unjoni Ewropea | 599 | 34,6 |
| Il-Ġermanja | 203 | 11,7 |
| Spanja | 164 | 9,5 |
| L-Italja | 103 | 5,9 |
| Ir-Renju Unit | 90 | 5,2 |
| Ir-Rumanija | 80 | 4,6 |
| Il-Bulgarija | 52 | 3,0 |
| Il-Polonja | 51 | 2,9 |
| Il-Greċja | 46 | 2,7 |
| Franza | 40 | 2,3 |
| Pajjiżi oħra tal-UE | 218 | 12,6 |
| Pajjiżi mhux tal-UE | 86 | 5,0 |


2018

| Pajjiż ikkonċernat | Petizzjonijiet | % |
|---------------------|----------------|------|
| L-Unjoni Ewropea | 473 | 30,1 |
| Spanja | 206 | 13,1 |
| Il-Ġermanja | 172 | 11,0 |
| L-Italja | 147 | 9,4 |
| Il-Greċja | 69 | 4,4 |
| Il-Polonja | 63 | 4,0 |
| Franza | 51 | 3,2 |
| Ir-Rumanija | 51 | 3,2 |
| Il-Bulgarija | 42 | 2,7 |
| Ir-Renju Unit | 32 | 2,0 |
| Pajjiżi oħra tal-UE | 200 | 13,0 |
| Pajjiżi mhux tal-UE | 62 | 3,9 |

Għadd ta' petizzjonijiet skont il-pajjiż fl-2019



Għadd ta' petizzjonijiet skont il-pajjiż fl-2018



2018

Lingwi tal-petizzjonijiet



Fl-2019 u fl-2018, il-petizzjonijiet ġew ippreżentati bi 22 mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Filwaqt li fl-2017 u fl-2016, il-maġġoranza tal-petizzjonijiet ġew ippreżentati bl-Ingliż, il-Ġermaniż sar l-aktar lingwa użata fl-2019 u fl-2018. Barra minn hekk, it-tabelli juru li l-lingwa Ġermaniża, Ingliża, Spanjola u Taljana rrappreżentaw kważi tliet kwarti (71,8 %-71 %) mill-petizzjonijiet riċevuti fis-sentejn ikkonċernati. Is-Slovakk, il-Latvjjan u s-Sloven kienu l-inqas lingwi li ntużaw fl-2019, filwaqt li fl-2018 dawn kienu l-Iżvediż, is-Sloven u l-Malti.

2019

| Lingwa tal-petizzjoni | Għadd ta' petizzjonijiet | % |
|-----------------------|--------------------------|------------|
| Ġermaniż | 337 | 24,8 |
| Ingliż | 331 | 24,4 |
| Spanjol | 183 | 13,5 |
| Taljan | 123 | 9,1 |
| Rumen | 60 | 4,4 |
| Pollakk | 56 | 4,1 |
| Franċiż | 53 | 3,9 |
| Oħrajn | 214 | 15,8 |
| Total | 1 357 | 100 |

2018

| Lingwa tal-petizzjoni | Għadd ta' petizzjonijiet | % |
|-----------------------|--------------------------|------------|
| Ġermaniż | 275 | 22,5 |
| Ingliż | 217 | 17,8 |
| Spanjol | 204 | 16,7 |
| Taljan | 171 | 14,0 |
| Grieg | 63 | 5,2 |
| Franċiż | 61 | 5,0 |
| Pollakk | 61 | 5,0 |
| Oħrajn | 168 | 13,8 |
| Total | 1 220 | 100 |



Ċittadinanza tal-petizzjonanti

Rigward iċ-ċittadinanza, il-petizzjonijiet ippreżentati miċ-ċittadini Ġermaniżi jirrappreżentaw l-ogħla ċifra fis-sentejn li huma, b'żieda ta' 3 % fl-2019. B'kuntrast ma' dan, l-għadd ta' petizzjonanti li huma ċittadini Spanjoli u Taljani naqas bi 2,5 % u b'4,3 % rispettivament fl-2019, meta mqabbel mal-2018. Barra minn hekk, it-tabelli hawn taħt jiżvelaw żieda bi 3,7 % fl-għadd ta' petizzjonijiet ippreżentati miċ-ċittadini Brittanniċi fl-2019. Fl-2019, 54 petizzjoni mit-88 ippreżentati miċ-ċittadini Brittanniċi qajmu xi mistoqsijiet dwar il-Brexit.


2019

| Ċittadinanza bl-ogħla għadd ta' petizzjonanti | Għadd ta' petizzjonijiet | % |
|---|--------------------------|------|
| Il-Ġermanja | 345 | 25,4 |
| Spanja | 201 | 14,8 |
| L-Italja | 139 | 10,2 |
| Ir-Rumanija | 97 | 7,1 |
| Ir-Renju Unit | 88 | 6,5 |
| Il-Polonja | 72 | 5,3 |
| Il-Greċja | 55 | 4,0 |
| Il-Bulgarija | 52 | 3,8 |
| Franza | 51 | 3,8 |
| Ċittadinanzi oħra tal-UE | 231 | 17,1 |
| Ċittadinanzi mhux tal-UE | 28 | 2,0 |


2018

| Ċittadinanza bl-ogħla għadd ta' petizzjonanti | Għadd ta' petizzjonijiet | % |
|---|--------------------------|------|
| Il-Ġermanja | 274 | 22,4 |
| Spanja | 212 | 17,3 |
| L-Italja | 177 | 14,5 |
| Il-Polonja | 73 | 6,0 |
| Il-Greċja | 71 | 5,8 |
| Ir-Rumanija | 61 | 5,0 |
| Franza | 57 | 4,7 |
| Il-Bulgarija | 44 | 3,6 |
| Ir-Renju Unit | 34 | 2,8 |
| Ċittadinanzi oħra tal-UE | 193 | 15,9 |
| Ċittadinanzi mhux tal-UE | 26 | 2,0 |

Ċittadinanza bl-ogħla għadd ta' petizzjonanti fl-2019



Ċittadinanza bl-ogħla għadd ta' petizzjonanti fl-2018



Suġġetti prinċipali tal-petizzjonijiet

It-tabelli hawn taħt jinkludu l-10 suġġetti l-aktar popolari fil-petizzjonijiet. Mit-tabelli jista' jiġi konkluż li l-oqsma prinċipali ta' tħassib għall-petizzjonanti fl-2019 u fl-2018 kienu l-

ambjent, id-drittijiet fundamentali u l-ġustizzja. Filwaqt li l-għadd ta' petizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali jammonta għall-istess perċentwal, fl-2019 il-petizzjonijiet dwar l-ambjent u l-ġustizzja żdiedu b'1,9 % u 2,3 % rispettivament. B'kuntrast ma' dan, fl-2019 il-petizzjonijiet dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw is-suq intern u s-saħħa naqsu kemxejn b'1,9 % u 0,7 % rispettivament.

Fost is-suġġetti l-oħra, fl-2019 il-kumitat irċieva għadd akbar (98) ta' petizzjonijiet dwar l-affarijiet kostituzzjonali meta mqabbel mat-62 petizzjoni riċevuti għall-istess tema fl-2018. Taħt din il-kategorija, il-petizzjonanti esprimew it-tfassib tagħhom dwar għadd ta' kwistjonijiet relatati mad-dritt kostituzzjonali tal-UE, bħall-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, iċ-ċittadinanza tal-UE u xi mistoqsijiet dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-UE. Rigward il-Brexit, aktar speċifikament, fl-2019 il-petizzjonijiet li qajmu xi mistoqsijiet dwar il-Brexit u dwar il-konsegwenzi tiegħu ammontaw għal 73.



Fl-aħħar nett, ta' min ifakkar li l-2019 kienet sena tal-elezzjonijiet Ewropej, li jispjega r-raġuni għaliex fl-2019 l-għadd ta' petizzjonijiet dwar id-drittijiet tal-vot u l-elezzjonijiet kien akbar (49) milli fl-2018, meta ġew irreġistrati 13-il petizzjoni għal din it-tema.

2019

2018

| L-10 suġġetti l-aktar komuni għall-petizzjonijiet | Għadd ta' petizzjonijiet | % |
|---|--------------------------|------|
| Ambjent | 252 | 12,2 |
| Drittijiet fundamentali | 189 | 9,2 |
| Ġustizzja | 184 | 8,9 |
| Saħħa | 97 | 4,7 |
| Trasport | 90 | 4,4 |
| Suq intern | 89 | 4,3 |
| Impjiegi | 79 | 3,8 |
| Edukazzjoni u kultura | 62 | 3,0 |
| Affarjiet soċjali | 45 | 2,2 |
| Proprjetà u restituzzjoni | 33 | 1,6 |

| L-10 suġġetti l-aktar komuni għall-petizzjonijiet | Għadd ta' petizzjonijiet | % |
|---|--------------------------|------|
| Ambjent | 199 | 10,3 |
| Drittijiet fundamentali | 186 | 9,6 |
| Ġustizzja | 129 | 6,6 |
| Suq intern | 120 | 6,2 |
| Saħħa | 104 | 5,4 |
| Impjiegi | 89 | 4,6 |
| Trasport | 88 | 4,5 |
| Affarjiet soċjali | 61 | 3,1 |
| Edukazzjoni u kultura | 49 | 2,5 |
| Proprjetà u restituzzjoni | 39 | 2,0 |



Il-portal web għall-Petizzjonijiet

Il-portal web għall-Petizzjonijiet, li ġie stabbilit fi tmiem l-2014, kompla jittiejeb sabiex isir aktar faċli biex jintuża u joffri aċċess aħjar liċ-ċittadini. Fl-2019 saru xi aġġornamenti tekniċi importanti. L-ewwel nett, il-portal ġie żviluppat f'verżjoni tad-disinn tal-web responsiva li tikkonforma mad-"dehra u s-sensazzjoni" ("look and feel") ġodda tas-sit web tal-Parlament Ewropew (Europarl). Għalhekk, il-Portal sar aktar responsiv u jista' jintuża fuq kwalunkwe apparat. It-tieni nett, l-istqarrija ta' privatezza l-għdida ttellgħet bil-verżjonijiet lingwistiċi kollha fil-mudelli tal-posta elettronika u fil-paġna ta' reġistrazzjoni, u ġiet attivata Captcha tal-awdjo għar-reġistrazzjoni tal-kontijiet tal-utenti. Fl-aħħar nett, il-portal web għall-Petizzjonijiet u ePetizzjoni ġew integrati aktar bit-titjib tal-mekkaniżmu ta' sinkronizzazzjoni tagħhom. Madankollu, l-aċċessibilità tal-portal web għall-petizzjonijiet għall-petizzjonanti b'diżabilità teħtieġ titjib ulterjuri.

Relazzjonijiet mal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tibqa' s-sieħeb naturali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-ipproċessar tal-petizzjonijiet, bħala l-istituzzjoni tal-UE responsabbli biex tiżgura l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u l-konformità miegħu. Il-kumitat u l-Kummissjoni għandhom livell ta' kooperazzjoni stabbilit sew li jinżamm b'mod konsistenti. Il-punt ta' kuntatt prinċipali fil-Kummissjoni huwa s-Segretarjat Ġenerali, li jikkoordina d-distribuzzjoni tal-petizzjonijiet lejn is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u jittrażmetti r-risposti tal-Kummissjoni lis-segretarjat tal-kumitat. Filwaqt li l-Kummissjoni żiedet l-isforzi tagħha biex tagħti risposti f'waqthom, il-kumitat iqis li l-proċess ta' indirizzar tal-petizzjonijiet mill-Kummissjoni jista' jittiejeb aktar. Il-Kumitat itenni wkoll l-appell tiegħu għal aġġornamenti regolari dwar l-iżviluppi fil-proċedimenti ta' ksur u għal aċċess għad-dokumenti rilevanti tal-Kummissjoni dwar il-ksur u l-proċeduri pilota tal-UE, li huma relatati ma' petizzjonijiet miftuħa.

Wara l-elezzjonijiet Ewropej u l-kostituzzjoni tal-Parlament il-għdid, il-kummissarji nnominati dehru quddiem il-kumitati parlamentari fl-oqsma ta' responsabbiltà prospettivi tagħhom u pparteċipaw f'seduti ta' smiġh biex il-Membri tal-Parlament Ewropew eletti reċentement jevalwaw il-kompetenza u l-adegwatezza tagħhom għall-pożizzjonijiet li nġhataw. F'dan ir-rigward, fit-30 ta' Settembru 2019 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ipparteċipa fis-seduta ta' smiġh tal-Viċi President innominat għar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali u l-Prospettiva, Maroš Šefčovič, bħala kumitat assoċjat. Matul is-seduta ta' smiġh, is-Sur Šefčovič wiegħed li se jtejjeb l-indirizzar tal-petizzjonijiet mill-Kummissjoni. B'mod aktar speċifiku, impenja ruħu biex jaħdem mill-qrib mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u biex jattendi l-preżentazzjoni tar-rapport annwali tiegħu. Barra minn hekk, wiegħed li jħeġġeġ il-parteeipazzjoni tal-Kummissarji responsabbli fid-dibattitu ta' dawk is-suġġetti mqajma f'għadd ta' petizzjonijiet. Fl-aħħar nett, wiegħed li jagħmel mill-aħjar li jista' biex jingħataw risposti preċiżi qabel ma jagħlaq it-terminu ta' tliet xhur.

Fil-mistoqsija tiegħu bil-miktub li baġhat qabel is-seduta ta' smiġh, il-kumitat tenna t-tħassib tiegħu dwar il-prattika tal-Kummissjoni li tirreferi għadd kbir ta' petizzjonanti quddiem korpi oħra fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, u qajjem dubju dwar il-kompatibilità ta' dan l-approċċ mar-responsabbiltà tal-infurzar tal-Kummissjoni. Filwaqt li rrikonoxxa li l-petizzjonijiet joffru kontribut siewi għar-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-Trattat, il-Viċi President tal-Kummissjoni rrefera għall-approċċ strateġiku l-għdid tal-Kummissjoni fir-rigward tal-politika ta' infurzar tagħha, li tħabbar fil-komunikazzjoni tagħha tal-2016: "EU Law: Better Results through Better Application" (Id-Dritt tal-Unjoni: Riżultati Aħjar permezz ta' Applikazzjoni Aħjar), li għandu l-għan li jkun orjentat lejn il-ksur l-aktar importanti tad-

dritt tal-Unjoni li jaffettwa l-interessi taċ-ċittadini u tan-negozji.

Relazzjonijiet mal-Kunsill

Il-membri tas-Segretarjat tal-Kunsill kultant attendew il-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-parteciċipazzjoni tal-Kunsill fid-dibattiti kienet limitata ħafna. F'dan ir-rigward, il-kumitat iqis li tkun meħtieġa kooperazzjoni aktar attiva mal-Istati Membri biex dawk il-petizzjonijiet jiġu żblokkati, li jirrikjedi risposti u reazzjonijiet fil-pront mill-awtoritajiet nazzjonali. Minkejja dan, il-kumitat jirrikonoxxi l-isforzi minn xi Stati Membri biex jikkontribwixxu b'mod attiv għad-diskussjoni dwar petizzjonijiet rispettivi fil-laqgħat tal-kumitat. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar il-parteciċipazzjoni tar-Rappreżentanza Permanenti tal-Bulgarija fid-diskussjoni dwar il-petizzjoni Nru 0527/2018 dwar l-impatt tal-awtostrada Struma fuq Kresna Gorge u r-reġjun fil-Bulgarija, fil-laqgħa tal-kumitat fit-2 ta' Diċembru 2019.

Relazzjonijiet mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna stabbilew kooperazzjoni kostruttiva. Il-kumitat appella biex is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jipprovdi l-għarfien espert tiegħu għall-indirizzar ta' għadd ta' petizzjonijiet li jkollhom dimensjoni esterna, inkluż is-segwitu tar-rakkomandazzjoni inkluża fir-rapport dwar iż-Żjara ta' Ġbir ta' Informazzjoni f'Famagusta, Ċipru (7-8.05.2018).

Relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu relazzjonijiet tax-xogħol tajbin ħafna mal-uffiċċju tal-Ombudsman Ewropew. Fl-2019, l-Ombudsman, Emily O'Reilly, dehret quddiem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet f'bosta okkażjonijiet.

Fit-2 ta' April 2019, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet kellu skambju ta' fehmiet mal-Ombudsman Ewropew, Emily O'Reilly, dwar il-prerogattivi l-ġodda proposti tagħha. L-Ombudsman Ewropew ġiet mistiedna tirreaġixxi għar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Frar 2019 dwar ir-reviżjoni tal-Istatut tal-Ombudsman Ewropew. Is-Sinjura O'Reilly appoġġjat il-ħtieġa ta' allinjament tal-Istatut tal-Ombudsman Ewropew mat-Trattat ta' Lisbona, filwaqt li ssottolinjat l-elementi essenzjali li ġejjin tal-Uffiċċju tal-Ombudsman: - l-indipendenza; - is-setgħat ta' inkjesta qawwija; - il-ħtieġa ta' aktar riżorsi; u - appoġġ mill-partijiet kollha tal-Parlament Ewropew.

L-Ombudsman Ewropew ta wkoll diskors ewlieni dwar *Achievements and Challenges for EU institutions* (Il-Kisbiet u l-Isfidi għall-istituzzjonijiet tal-UE) fis-Sessjoni ta' Ħidma dwar *Conflicts of Interest - Integrity, Accountability and Transparency in the EU institutions and agencies* (Kunflitti ta' Interest - Integrità, Obbligu ta' Rendikont u Trasparenza fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE), li seħħet fil-laqgħa tal-kumitat fit-2 ta' April 2019.

Barra minn hekk, hija ppreżentat ir-*Rapport Annwali għall-2018* fil-laqgħa tal-kumitat fl-4 ta' Settembru 2019.

Fl-aħħar nett, fit-18 ta' Diċembru 2019, Emily O'Reilly reġgħet ġiet eletta Ombudsman Ewropew għal-leġiżlatura 2019-2024. Hija ġiet appoġġjata minn 320 Membru tal-PE

f'votazzjoni sigrieta fil-plenarja. L-elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew il-ġdid seħħet wara seduta ta' smigħ pubbliku tal-kandidati mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Fit-3 ta' Diċembru 2019, il-kumitat sema' lill-ħames kandidati ammissibbli li ġejjin: is-Sur Giuseppe Fortunato, is-Sinjura Julia Laffranque, is-Sur Nils Muižnieks, is-Sinjura Emily O'Reilly u s-Sinjura Cecilia Wikström. Bħala segwitu għas-seduti ta' smigħ, il-kumitat bagħat ittra lill-President tal-Parlament Ewropew li fiha kkonferma li saru s-seduti ta' smigħ u li l-Parlament seta' jipproċedi bl-elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew matul is-Sessjoni plenarja ta' Diċembru fi Strasburgu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 231 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament. Matul is-seduta ta' smigħ pubbliku tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fit-3 ta' Diċembru, Emily O'Reilly wegħdet li tkompli taħdem biex l-amministrazzjoni tal-UE tkun ta' mudell ideali għall-UE kollha, billi ċ-ċittadini u d-drittijiet tagħhom jitqiegħdu fil-qalba tal-azzjonijiet tagħha.

Fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Novembru 2019, il-kumitat adotta b'maġġoranza vasta r-Rapport dwar ir-Rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2018. Ir-Rapport jenfasizza l-ħidma tal-Ombudsman u jfaħħar id-djalogu essenzjali u siewi tagħha mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li jikkostitwixxi sistema effettiva ta' indirizzar tat-tħassib taċ-ċittadini għal gwida u għajnuna.

Żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni

Fl-2019, ma saret l-ebda żjara ta' ġbir ta' informazzjoni minħabba l-perjodu ta' sospensjoni tax-xogħlijiet minħabba l-elezzjonijiet Ewropej. Madankollu, il-kumitat wettaq il-valutazzjoni ta' segwitu ta' għadd ta' żjarat preċedenti ta' ġbir ta' informazzjoni u adotta r-rapporti dwar żewġ żjarat ta' ġbir ta' informazzjoni li saru fl-2018.

- Fil-21 ta' Jannar 2019, il-kumitat iddiskuta s-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet taż-Żjara ta' Ġbir ta' Informazzjoni fil-Galicia fl-2013 fil-preżenza tal-petizzjonanti.
- Fil-21 ta' Frar 2019, il-kumitat iddiskuta s-segwitu taż-Żjara ta' Ġbir ta' Informazzjoni f'Londra (5-6.11.2015), u taż-Żjara ta' Ġbir ta' Informazzjoni fis-Slovakkja (22-23.09.2016). Fil-preżenza tal-petizzjonanti, huwa ddiskuta wkoll is-segwitu taż-Żjara ta' Ġbir ta' Informazzjoni fix-xmajjar Ebro u Tajo (8-10.02.2016), u taż-Żjara ta' Ġbir ta' Informazzjoni fl-Iżvezja (20-21.02.2017).
- Fil-21 ta' Marzu 2019, il-kumitat adotta r-rapport dwar iż-Żjara ta' Ġbir ta' Informazzjoni fil-Park Nazzjonali ta' Doñana, Andalusija, Spanja (19-21.09.2018) li rrakkomanda l-għeluq tal-proġetti ta' ħżin, ta' prospettar u ta' estrazzjoni tal-gass fil-Park Nazzjonali ta' Doñana, skont il-"prinċipju ta' prekawzjoni."
- Fil-11 ta' April 2019, il-kumitat adotta r-rapport dwar iż-Żjara ta' Ġbir ta' Informazzjoni fil-Park f'Valledora, il-Piemonte, l-Italja (17-18.12.2018).
- Fit-2 ta' Diċembru 2019, il-kumitat iddiskuta s-segwitu taż-Żjara ta' Ġbir ta' Informazzjoni f'Famagusta, Ċipru (7-8.05.2018) fil-preżenza tal-petizzjonant.

Seduti ta' Smigħ Pubbliku

Fl-2019, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza tliet seduti ta' smigħ pubbliku, parzjalment b'mod konġunt ma' kumitati parlamentari oħra. Is-seduti ta' smigħ pubbliku koprew firxa wiesgħa ta' suġġetti li tqajmu fil-petizzjonijiet.

- Fil-21 ta' Marzu 2019, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza seduta ta' smigħ

pubbliku b'mod konġunt mal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel dwar *Climate Change Denial* (Ċaħda tat-Tibdil fil-Klima). Is-Seduta ta' Smiġh kienet ibbażata fuq il-petizzjoni Nru 0900/2016, introdotta f'isem Food & Water Europe u li kellha 732 firma ta' petizzjonanti minn madwar l-UE. Il-petizzjoni talbet li tittieħed azzjoni kontra kumpanija multinazzjonali taż-żejt għaċ-ċaħda allegata tagħha tat-tibdil fil-klima. F'dan l-isfond, is-seduta ta' smiġh kellha l-għan li tesplora s-suġġett taċ-ċaħda tat-tibdil fil-klima minn perspettivi differenti, kif ukoll li teżamina t-tekniki ta' komunikazzjoni li jintużaw fil-politika jew minn kumpaniji privati u atturi oħra fis-soċjetà biex iqarrqu lill-pubbliku dwar l-impatt negattiv ta' ċerti attivitajiet jew politiki industrijali fuq il-klima. Il-membri enfasizzaw ir-rwol ewlieni tal-UE fil-livell globali fid-dibattitu dwar it-tibdil fil-klima, u enfasizzaw il-ħtieġa li tittieħed azzjoni rapida dwar din il-kwistjoni.

- Fit-12 ta' Novembru 2019, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza Seduta ta' Smiġh dwar *FATCA and its extraterritorial impact on EU citizens* (Il-FATCA u l-impatt ekstraterritorjali tiegħu fuq iċ-ċittadini tal-UE). Fl-2016, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet irċieva l-Petizzjoni 1088/2016 dwar l-allegat ksur tad-drittijiet tal-UE tal-Att tal-Istati Uniti dwar il-Konformità Fiskali tal-Kontijiet Barranin (FATCA) u l-effetti ekstraterritorjali tal-liġijiet tal-Istati Uniti fl-UE. L-għan tas-seduta ta' smiġh kienet li jiġi ffaċilitat skambju ta' fehmiet fost id-diversi partijiet ikkonċernati u li jiġu diskussi soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet li jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini tal-UE affettwati mill-FATCA. Is-seduta kienet diviża f'żewġ panels, wieħed li ffoka fuq is-servizzi finanzjarji u ieħor fuq l-effetti indiretti tal-FATCA fuq iċ-ċittadini tal-UE, b'enfasi speċjali fuq kunflitti potenzjali bejn id-dritt tal-Istati Uniti u r-regoli Ewropej dwar il-protezzjoni tad-data. Bħala segwitu għas-seduta ta' smiġh, il-Membri ddeċidew li jiktbu ittri lill-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill u lill-Kummissjoni Ewropea li fihom talbuhom biex jieħdu azzjoni b'appoġġ għaċ-ċittadini kkonċernati.

- Fil-5 ta' Diċembru 2019, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, flimkien mal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, organizzaw seduta ta' smiġh pubbliku dwar *Revaluation of the wolf population in the EU* (Rivalutazzjoni tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE). L-għan tas-seduta ta' smiġh kien li jinkiseb fehim aħjar dwar l-istat tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE u li, potenzjalment, jitqiesu bidliet possibbli għall-ġestjoni attwali tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-Ewropa abbażi tat-tħassib imqajjem minn għadd ta' petizzjonijiet. Ingħatat attenzjoni speċifika lill-analiżi tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE, lill-qafas ġuridiku għall-protezzjoni tal-lupu kif ukoll lill-impatt tal-popolazzjoni tal-ilpup fuq l-ambjent u l-komunitajiet rurali, bil-ħsieb li jiġu ppreżentati konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politika u għall-partijiet ikkonċernati.

Kwistjonijiet ewlenin

- *Kwistjonijiet ambjentali*

Fl-2019, il-kumitat ta l-akbar attenzjoni lit-tħassib taċ-ċittadini dwar il-protezzjoni tal-ambjent u t-tibdil fil-klima, li ġew diskussi f'kull laqgħa, ta' spiss fil-preżenza tal-petizzjonant. Il-kumitat indirizza s-suġġetti prinċipali li ġejjin: l-immaniġġjar tal-iskart, il-protezzjoni u l-preservazzjoni, il-plastik, it-tniġġis tal-ilma u tal-arja, l-enerġija nukleari u l-impatt tal-

attivitajiet ta' estrazzjoni fuq l-ambjent. Fl-20 ta' Frar 2019, il-kumitat eżamina għadd kbir ta' petizzjonijiet dwar l-enerġija nukleari, li fihom tqajjem tħassib serju dwar is-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari, l-impatti transfruntiera u d-differenzi bejn l-iskemi ta' obbligu ta' rendikont fl-Istati Membri. Sabiex titwettaq valutazzjoni bbażata fuq l-evidenza, il-kumitat ikkummissjona u sema' aġġornament tal-istudju dwar *Cross-border nuclear safety, liability and cooperation in the European Union* (Sikurezza, obbligu ta' rendikont u kooperazzjoni nukleari transfruntiera fl-Unjoni Ewropea). Sussegwentement, fil-21 ta' Marzu 2019, il-kumitat organizza seduta ta' smiġh dwar *Climate Change Denial* (Ċaħda tat-Tibdil fil-Klima). Barra minn hekk, bħala segwitu għall-petizzjonijiet dwar l-esponiment għal sustanzi perikolużi, huwa kkummissjona studju dwar "*Endocrine Disruptors: From Scientific Evidence to Human Health Protection*" (Interferenti Endokrinali: Mill-Evidenza Xjentifika għall-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Bniedem), li ġie ppreżentat fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' April 2019. Fl-aħħar nett, l-immaniġġjar tal-iskart baqa' tema rikorrenti fl-2019, li wassal għall-adozzjoni ta' *Short Motion for a Resolution on Waste Management* (Mozzjoni Qasira għal Riżoluzzjoni dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart) fil-21 ta' Marzu 2019. Ir-riżoluzzjoni tisħaq li l-immaniġġjar tal-iskart huwa wieħed mill-isfidi soċjoekonomiċi u ambjentali globali prinċipali u tinsisti li titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart u li ssir promozzjoni tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. Din tiffoka fuq immaniġġjar tal-iskart u prevenzjoni tal-iskart xierqa bħala prijorità assoluta għall-UE, kif ukoll fuq implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart mill-Istati Membri.

- *Id-Drittijiet Fundamentali u l-Affarijiet Kostituzzjonali*

Fl-2019, il-kumitat iddiskuta għadd ta' petizzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali, inkluż dwar il-protezzjoni tal-informaturi, id-drittijiet tat-tfal u l-problema ta' persuni mingħajr dar. Barra minn hekk, fil-21 ta' Jannar 2019, il-kumitat adotta opinjoni għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali dwar l-*implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qafas istituzzjonali tal-UE*.

Rigward kwistjonijiet aktar speċifikament kostituzzjonali, bosta petizzjonijiet qajmu t-tħassib taċ-ċittadini dwar it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-istituzzjonijiet tal-UE. Sabiex jindirizza dawn il-kwistjonijiet, fit-2 ta' April 2019 il-kumitat talab u organizza Sessjoni ta' Ħidma dwar *Conflicts of Interest - Integrity, Accountability and Transparency in the EU institutions and agencies* (Kunflitti ta' Interest - Integrità, Obbligu ta' Rendikont u Trasparenza fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE) li ġiet organizzata mid-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali. Is-sessjoni ta' ħidma eżaminat il-kisbiet li saru fir-rigward tal-kunflitti ta' interess fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll l-integrità, l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza, il-kodiċi ta' kondotta u l-"bibien iduru", filwaqt li ġew diskussi wkoll l-isfidi għall-futur.

- *Brexit*

Għadd sinifikanti (73) ta' petizzjonijiet għodda dwar il-Brexit ġew irreġistrati fl-2019. Fl-2019, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet kompli jeżamina u jiddiskuti l-impatt tal-Brexit fuq id-Drittijiet taċ-Ċittadini f'bosta okkażjonijiet. B'mod partikolari, fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Ottubru 2019, il-kumitat kellu skambju ta' fehmiet mal-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Brexit tal-Parlament Ewropew. Il-membri tal-Grupp ipprovdew aġġornament dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati li saru mar-Renju Unit fir-rigward tad-drittijiet taċ-ċittadini fil-qafas tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u enfasizzaw in-nuqqasijiet u l-isfidi ta' xenarju ta' "ebda ftehim". Bħala segwitu għall-iskambju ta' fehmiet, il-membri tal-PETI ddiskutew ukoll bosta petizzjonijiet dwar il-Brexit, b'enfasi fuq id-drittijiet taċ-ċittadini wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE. Il-Kumitat iddeċieda li jibqa' jimmonitorja l-iżviluppi sa ma tasal l-iskadenza tal-Brexit, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-Iskema għall-Kisba tal-Istatus ta' Stabbilit għaċ-Ċittadini tal-UE mir-Renju Unit.

- *Benesseri tal-annimali*

Fl-2019, it-tħassib taċ-ċittadini dwar it-trattament xieraq tal-annimali baqa' prominenti fl-aġendi tal-kumitat. Il-kumitat iddiskuta għadd kbir ta' petizzjonijiet dwar diversi kwistjonijiet, inklużi l-protezzjoni ta' annimali li jgħixu fit-toroq u tan-naħal tal-għasel fl-UE. B'mod partikolari, fit-2 ta' Ottubru 2019, huwa ddiskuta sensiela ta' petizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport u dwar il-projbizzjoni ta' esperimenti fuq l-annimali. Bħala segwitu, il-kumitat iddeċieda li jżomm daww il-petizzjonijiet miftuħin u li jitlob valutazzjoni aġġornata mill-Kummissjoni. Fil-11 ta' Novembru 2019, il-kumitat iddiskuta petizzjoni ppreżentata f'isem il-Fondazzjoni għat-Trattament xieraq tal-Annimali, li kienet qed tisħaq fuq projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' Gonadotropina tas-Serum ta' Debba Tqila mill-Amerka t'Isfel, b'riżultat ta' investigazzjonijiet li juru t-trattament inuman tad-dwieb fl-irziezet tad-demmi fl-Urugwaj u fl-Arġentina. Il-kumitat iddeċieda li jitlob lill-Kummissjoni informazzjoni dwar is-suġġett fi ħdan il-ftehim kummerċjali l-ġdid bejn l-UE u l-Mercosur, biex din titlob kemm lill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali kif ukoll lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ għal opinjoni. Fl-aħħar nett, fil-5 ta' Diċembru 2019, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, flimkien mal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, organizzaw seduta ta' smiġħ pubbliku dwar *Revaluation of the wolf population in the EU* (Rivalutazzjoni tal-popolazzjoni tal-ilpup fl-UE).

- *Kwistjonijiet relatati mad-diżabilità*

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jiżvolġi rwol ta' protezzjoni speċifiku fir-rigward tal-konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) fi ħdan it-tfassil ta' politika u l-azzjonijiet leġiżlattivi fil-livell tal-UE. Fi ħdan din ir-responsabbiltà, il-kumitat jindirizza petizzjonijiet dwar kwistjonijiet relatati mad-diżabilità. Għalkemm l-għadd ta' petizzjonijiet dwar id-diżabilità naqas bi kważi nofs fl-2019 meta mqabbel mas-sena preċedenti (12 fl-2019 u 23 fl-2018), il-kumitat kompli jeżamina petizzjonijiet dwar id-diżabilità li jiżvelaw li l-isfidi prinċipali għadhom il-mobilità, id-diskriminazzjoni u l-aċċess għall-edukazzjoni. Pereżempju, il-kumitat iddiskuta għadd ta' petizzjonijiet dwar l-edukazzjoni inklużiva għat-tfal b'diżabilità. Barra minn hekk, il-Kumitat

irċieva bosta petizzjonijiet miċ-ċittadini li jwissu dwar id-diffikultajiet li jiffaċċjaw persuni b'diżabilità f'sitwazzjonijiet tal-ħajja ta' kuljum tagħhom, inkluż it-trasport pubbliku. Wara d-dibattitu dwar il-Petizzjoni 0535/2017 fir-rigward tal-mobilità ta' persuni b'diżabilità fl-Unjoni Ewropea, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet iddeċieda li jindirizza lill-Istati Membri kollha tal-Unjoni bil-ħsieb li jikkompila stampa ġenerali tal-passi konkreti li kull Stat Membru diġà ħa (jew li beħsiebu jieħu) għall-implimentazzjoni effettiva tal-UNCRRPD. Il-kumitat jilqa' b'sodisfazzjon it-tweġibiet mibgħuta mill-biċċa l-kbira mill-Istati Membri matul is-sena 2019. Fl-aħħar nett, jista' jkun siewi li jifakkar li fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Novembru 2019, il-kumitat approva d-deċiżjoni tal-koordinaturi li tintbagħat ittra lill-President tal-Parlament Ewropew biex tingħied l-attenzjoni tiegħu għall-Petizzjoni 1056/2016 għall-preżentazzjoni ta' petizzjonijiet bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali li jintużaw fl-UE.

- *Rapporti u Opinjonijiet Adottati*

Fil-21 ta' Jannar 2019, il-kumitat adotta opinjoni għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qafas istituzzjonali tal-UE (2017/2089(INI)).

Fit-22 ta' Jannar 2019, il-kumitat adotta r-rapport tiegħu dwar id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena 2018 (2018/2280 (INI)).

Fl-20 ta' Frar 2019, il-kumitat adotta opinjoni għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li twaqqaf il-bidliet staġonali fil-ħin u tħassar id-Direttiva 2000/84/KE (COM(2019)0639 – C8 0408/2018 – 2018/0332(COD)).

Fil-21 ta' Marzu 2019, il-kumitat adotta *Motion for a Resolution on waste management* (Mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar l-immaniġġjar tal-iskart) (2019/2557(RSP)).

Fit-12 ta' Novembru 2019, il-Kumitat adotta *Rapport dwar ir-Rapport Annwali dwar l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew fl-2018 (2019/2134(INI))*. Ir-Rapport jenfasizza l-ħidma tal-Ombudsman u jfaħħar id-djalogu essenzjali u siewi tagħha mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li jikkostitwixxi sistema effettiva ta' indirizzar tat-tħassib taċ-ċittadini għal gwida u għajjnuna. Ir-Rapport jindika wkoll li inkjesti relatati mat-trasparenza u mal-obbligu ta' rendikont għadhom jirrappreżentaw l-akbar proporzjon ta' każijiet indirizzati mill-Ombudsman fl-2018.

- *Studji*

Fl-2019, il-kumitat sema' l-preżentazzjonijiet tal-istudji li ġejjin li ġew ikkummissjonati mid-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali fuq talba tiegħu:

- Differenzi fil-Kwalità fil-Prodotti għall-Konsumatur fil-Leġiżlazzjoni tal-UE (ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2019);

- Sikurezza, obbligu ta' rendikont u kooperazzjoni nukleari transfruntiera fl-Unjoni Ewropea (ippreżentat fl-20 ta' Frar 2019);

- Endocrine Disruptors: From Scientific Evidence to Human Health Protection (Interferenti Endokrinali: Mill-Evidenza Xjentifika għall-Protezzjoni tas-Saħħa tal-Bniedem - ippreżentat fit-2 ta' April 2019);

- It-Tikkettar tal-Ikel għall-Konsumaturi – Id-Dritt, ir-Regolamentazzjoni u l-Għażliet ta' Politika tal-UE (ippreżentat fil-11 ta' April 2019);

F'Lulju 2019, fuq talba tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, id-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taç-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali ppubblika analiżi approfondita dwar *Achievements of the Committee on Petitions during the 2014-2019 parliamentary term and the challenges for the future* (Il-Kisbiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul il-leġislatura 2014-2019 u l-isfidi għall-futur), li tqassmet lill-membri tal-kumitat fi tmiem il-laqgħa kostituttiva tiegħu.

- *Sessjonijiet ta' ħidma*

Fit-2 ta' April 2019, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza Sessjoni ta' Ħidma dwar *Conflicts of Interest - Integrity, Accountability and Transparency in the EU institutions and agencies* (Kunflitti ta' Interest - Integrità, Obbligu ta' Rendikont u Trasparenza fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE) li ġiet organizzata mid-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taç-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali fuq talba tiegħu. Is-sessjoni ta' ħidma eżaminat il-kisbiet li saru matul din il-leġislatura fir-rigward tal-kunflitti ta' interess fl-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, kif ukoll l-integrità, l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza, il-kodiċi ta' kondotta u l-"bibien iduru", filwaqt li ġew diskussi wkoll l-isfidi għall-futur. Il-Petizzjoni 0224/2018 dwar il-ħatra tas-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea ġiet diskussa fil-kuntest tas-Sessjoni ta' Ħidma dwar il-kunflitti ta' interessi.